



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 7.12.2011
KUMM(2011) 844 finali

2011/0412 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija
u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja**

{SEG(2011) 1478 finali}

{SEG(2011) 1479 finali}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem (l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea). Barra minn hekk, kif provdut fit-Trattat, l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali "għandha tiġi ggwidata mill-prinċipji li jispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t- tkabbir tagħha u li hija tfittex li tippromwovi fil-bqija tad-dinja: id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-liġi internazzjonali." (l-Artikolu 21).

Għalhekk, il-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet umani hija aspett essenzjali tal-azzjoni esterna tal-UE. Fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija madwar id-dinja, l-UE qed tuża firxa wiesgħa ta' miżuri, mid-djalogu politiku u l-inizjattivi diplomatiċi għal koperazzjoni u assistenza finanzjarja u teknika.

Ir-Regolament dwar it-twaqqif ta' Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)¹ jikkostitwixxi bażi prinċipali għal din l-istrateġija politika u huwa espressjoni unika u viżibbli tal-impenn qawwi tal-UE lejn id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. L-istrument iġġenera riżultati ġenwini u bosta stejjer ta' suċċess, u pprova sostenn lil istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja u serva wkoll għall-osservazzjoni tal-elezzjonijiet. Minħabba l-indipendenza tiegħu mill-kunsens tal-Gvern u l-flessibbiltà tiegħu, l-EIDHR jirrappreżenta valur miżjud prinċipali għall-għodda ta' politika tal-UE.

L-għanijiet ġenerali u l-ambitu tal-EIDHR li huma li jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt madwar id-dinja, għandhom jiġu ppreżervati fir-Regolament il-ġdid.

Ir-Regolament jibni fuq ir-rabta qawwija bejn id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Fis-snin riċenti l-aġenda tal-UE dwar l-appoġġ għad-demokrazija evolviet u kibret lejn strateġija komprensiva. Partikolarment, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2009² dwar tal-appoġġ għad-demokrazija, jikkostitwixxu l-ewwel orjentazzjoni strateġika u konkreta għal politika tal-appoġġ għad-demokrazija aktar wiesgħa u koerenti fir-relazzjonijiet esterni tal-UE. F'Diċembru 2010, il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel rapport dwar is-segwitu għall-Konklużjonijiet u l-konklużjonijiet il-ġodda³ kienu adottati inkluż l-identifikazzjoni ta' għaxar pajjiżi pilota fejn l-Aġenda ta' Azzjoni għandha tiġi implimentata u għandha tittieħed azzjoni immedjata.

¹ Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠUUE L 386/1 (8).

² Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tal-Appoġġ għad-Demokrazija fir-Relazzjonijiet Esterni tal-UE – Lejn Iżjed Koerenza u Effettività, 16081/09.

³ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Appoġġ għad-Demokrazija fir-Relazzjonijiet Esterni tal-UE - 2010 Rapport dwar il-Progress u lista ta' pajjiżi pilota proposti, it-3058 laqgħa tal-Kunsill tal-AFFARIJET BARRANIN fi Brussell, 13 ta' Diċembru 2010.

Għalhekk huwa meqjus essenzjali li l-EIDHR futur iżomm fl-ambitu wiesa' li jinkludi fih il-varjetà wiesgħa ta' attivitajiet ta' promozzjoni, appoġġ tal-qalba u operazzjonijiet prattiċi, inklużi l-osservazzjonijiet elettorali, li jappoġġjaw id-drittijiet fundamentali inerenti għad-demokrazija flimkien mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali l-oħra kollha. Huwa garanzija għar-razzjonalità politika, il-komprensività fl-istrateġija, il-koerenza tal-operazzjonijiet u l-ekonomiji tal-iskala.

L-ambitu tal-EIDHR ikopri ħames għanijiet mill-2007 'l hawn:

- It-tishiġ tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali f'pajjiżi fejn huma l-aktar mhedda;
- It-tishiġ tar-rwol tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tar-riforma demokratika, fl-appoġġ tal-konċiljazzjoni paċifika bejn il-gruppi ta' interess u t-tishiġ tal-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni politika;
- L-appoġġ għal azzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u kwistjonijiet ta' demokrazija koperti mil-Linji Gwida tal-UE, inkluż dwar djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, dwar difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, dwar il-piena kapitali, it-tortura, it-tfal u l-kunflitti bl-armi, dwar id-drittijiet tat-tfal, dwar il-vjolenza kontra n-nisa u t-tfajliet u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontribom, dwar il-Liġi Umanitarja Internazzjonali u dwar linji gwida possibbli fil-ġejjieni;
- L-appoġġ u t-tishiġ tal-qafas internazzjonali u reġjonali għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja, l-istat tad-dritt u l-promozzjoni tad-demokrazija;
- Il-bini tal-fiduċja u t-tishiġ tal-affidabbiltà u t-trasparenza tal-proċess elettorali demokratiku, b'mod partikolari permezz tal-monitoraġġ tal-elezzjonijiet.

L-istrateġija tar-rispons⁴ fl-EIDHR tibni fuq ħidma fil-biċċa l-kbira ma' u permezz tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bil-għan li tiddefendi l-libertajiet fundamentali li jiffurmaw il-bażi għall-proċessi demokratiċi kollha u jgħinu lis-soċjetà ċivili sabiex issir forza effettiva għar-riforma politika u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem. Din l-ispeċifità tal-istrateġija ta' rispons se tkun kompletament ippreservata fir-Regolament il-ġdid. B'dan il-mod, huwa jikkumplimenta l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi ġeografiċi, li qegħdin dejjem aktar jintegraw id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, għalkemm jiffoka primarjament fuq il-bini tal-istituzzjonijiet pubbliċi.

Barra minn hekk, ir-regolament il-ġdid tal-EIDHR se jtejjeb l-għodda tal-UE biex tindirizza b'mod iktar effiċjenti s-sitwazzjoni f'pajjiżi diffiċli jew li jinsabu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma l-aktar f'riskju. L-iżviluppi riċenti fil-Viċinat Ewropew, partikolarment ir-Rebbiegħa Għarbija, urew li hemm żieda qawwija fid-domanda lokali għal aktar libertajiet u drittijiet flimkien mad-demokrazija li l-UE għandha b'zonn li tappoġġja. F'każijiet bħal dawn, l-Unjoni Ewropea se jkollha l-possibbiltà li tiffinanzja direttament azzjonijiet ad hoc permezz ta' għotjiet diretti jew għotjiet ta' valur baxx. Dan se jkun il-każ fejn il-modalitajiet proċedurali jistgħu jaffettwaw negattivament l-effettività tal-azzjonijiet jew jistgħu jikkawżaw li l-benefiċjarji jkunu soġġetti

⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Jannar 2006.

għal intimidazzjonijiet, ritaljazzjoni jew tipi oħra ta' riskji serji. Azzjonijiet ad hoc għandhom, fil-prinċipju, jiġu inklużi fid-Dokumenti ta' Strateġija u l-Programmi Annwali. Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, azzjonijiet ad hoc jistgħu jiġu adottati permezz ta' miżuri speċjali barra miċ-ċiklu tal-ipprogrammar.

Minn perspettiva usa', ir-Regolament EIDHR propost għandu jitqies fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji kollha proposti għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014-2020 kif spjegat fil-Komunikazzjoni "Baġit għall-Ewropa 2020". Flimkien mal-istrumenti taħt l-intestatura 4 (Ewropa Globali) u mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, l-EIDHR il-ġdid se jiżgura aktar koerenza u effettività fl-azzjoni esterna tal-UE.

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill⁵ li tistabilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), ir-Rappreżentant Għoli/Viċi-President għandu jiżgura l-koordinazzjoni politika ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, inkluż permezz tal-EIDHR. B'mod partikolari, is-SEAE għandu jikkontribwixxi għaċ-ċiklu ta' programmar u ġestjoni tal-EIDHR kif deskritt fl-Artikolu 9(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq.

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni Ewropea organizzat konsultazzjoni pubblika dwar il-finanzjament futur għall-azzjoni esterna tal-UE bejn is-26 ta' Novembru 2010 u l-31 ta' Jannar 2011. Dan il-proċess kien ibbażat fuq kwestjonarju onlajn u kien akkumpanjat minn dokument ta' sfond 'Liema fondi għall-azzjoni esterna tal-UE wara l-2013?' imħejji mill-Kummissjoni u s-servizzi SEAE involuti. Il-220 kontribuzzjoni li waslu mill-konsultazzjoni pubblika rriflettew spektrum wiesa' u divers li jirrappreżenta l-varjetà ta' strutturi, fehmiet u tradizzjonijiet li jikkarakterizzaw l-azzjoni esterna tal-komunità.

Il-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu (madwar 70%) kkonfermaw li l-intervent finanzjarju tal-UE pprova **valur sostanzjali miżjud** fl-oqsma ta' politika ewlenin appoġġati permezz tal-Istrumenti Finanzjarji tal-UE għal azzjoni esterna⁶. L-kriterju tal-valur miżjud tal-UE kien ippreżentat minn ħafna fost dawk li wiegħbu bħala l-mutur prinċipali għall-futur: huma kkunsidraw li l-UE għandha tisfrutta l-vantaġġ komparattiv tagħha marbut mal-preżenza globali tagħha, il-firxa wiesgħa ta' għarfien espert tagħha, in-natura sopranazzjonali tagħha u r-rwol tagħha bħala faċilitatur tal-koordinazzjoni, u l-isfruttar tal-ekonomiji tal-kobor.

Kważi dawk kollha li wiegħbu (92%) jappoġġaw strateġija aktar differenzjata, mfasla għas-sitwazzjoni tal-pajjiż benefiċjarju, ibbażata fuq kriterji sodi u ġbir tad-dejta effiċjenti, li għandha tintuża bħala mezz biex jiżded l-impatt tal-istrumenti finanzjarji tal-UE. Aktar minn żewġ terzi ta' dawk li wiegħbu jemmnu li l-interessi tal-UE huma ikkunsidrati biżżejjed fl-azzjoni esterna tagħha, u li dawn tal-aħħar għandhom ikunu bbażati sa ċertu punt fuq il-valuri u l-prinċipji tal-UE, u fuq l-għanijiet tal-iżvilupp tal-pajjiżi msieħba. Bil-maqlub, minoranza tqis li l-azzjoni esterna tal-UE għandha tikkonċentra aktar fuq l-interessi proprji tal-UE fl-ekonomija globali, partikolarment lejn ekonomiji emerġenti.

⁵ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010.

⁶ Jiġifieri l-paċi u s-sigurtà, it-tnaqqis tal-faqar, l-għajnuna umanitarja, l-investiment fl-istabbiltà u t-tkabbir fil-pajjiżi tat-tkabbir u tal-viċinat, fl-indirizzar tal-isfidi globali, il-promozzjoni tal-istandards u l-valuri internazzjonali u tal-UE, u l-appoġġ għat-tkabbir u l-kompetittività barra

Rigward is-simplifikazzjoni tal-istrumenti u l-bilanċ bejn l-istrumenti ġeografiċi u tematiċi, l-opinjoni jiet huma mħallta fir-rigward tar-reviżjoni tal-programmi tematiċi tal-UE u tnaqqis possibbli fin-numru. Ħafna jibzġu li dan jista' jimplika tnaqqis fl-ammont globali disponibbli għal azzjoni tematika, u pjuttost isejħu għal simplifikazzjoni tar-regoli li jirregolaw l-aċċess u l-implimentazzjoni tal-finanzjament tematiku. Bosta kwistjonijiet tematiċi huma enfasizzati bħala importanti bħat-tisħiħ tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-finanzjament tal-klima jew il-programmi tematiċi tad-DCI attwali. Flessibbiltà akbar tal-limiti ġeografiċi tal-istrumenti tal-UE hija appoġġjata minn maġġoranza sinifikanti ta' dawk li wiegħbu bħala mezz biex jirrispondu għall-isfidi interreġjonali.

Il-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu jaqblu li l-programmazzjoni u l-kofinanzjament konġunti mal-Istati Membri jistgħu jżidu l-impatt u l-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE, jissimplifikaw it-twassil tal-għajnuna u globalment inaqqsu l-ispejjeż ġenerali tat-tranżazzjoni.

Rigward **fehma waħda u kondizzjonalità**, hemm appoġġ qawwi fost dawk li wiegħbu għall-esplorazzjoni tal-kondizzjonalità bbażata fuq ir-rispett mill-pajjiż benefiċjarju, tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi, governanza tajba u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali (78%), jew dwar il-kwalità tal-politika tiegħu u l-abbiltà u d-dispożizzjoni tiegħu biex jimplimenta politiki sodi (63%). Maġġoranza ta' dawk li wiegħbu kritikaw il-fatt li l-kooperazzjoni esterna hija bbażata fuq l-interessi proprji tal-UE.

Rigward l-azzjoni esterna tal-UE dwar **id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija**, dawk kollha li wiegħbu enfasizzaw il-ħtieġa li jippromwovu u jappoġġjaw dawn l-għanijiet madwar id-dinja kemm billi jiġu integrati fi ħdan il-politiki kollha u l-azzjonijiet tal-UE kif ukoll billi jiġi dedikat strument finanzjarju separat iżda komplementarju. L-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem huwa valutat ferm u l-partijiet interessati kollha talbu lill-UE biex ittejjeb il-potenzjal tiegħu, tissalvagwardja l-valur miżjud tiegħu u tiżviluppa aktar il-ħeffa sabiex jitwassal, b'mod partikolari għall-aktar każijiet urġenti u diffiċli.

Il-valutazzjoni tal-impatt

Il-Kummissjoni wettqet Valutazzjoni tal-Impatt (IA) li qieset 3 alternattivi ta' linji politiċi ewlenin (b'xi għażliet sekondarji):

- (1) Ebda Regolament tal-EIDHR separat u tintegra d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija taħt strumenti oħra;
- (2) L-ebda bidla għar-Regolament kurrenti b'żieda biss fl-allokkazzjoni baġitarja li se tipprovdi għal attivitajiet addizzjonali taħt il-qafas attwali;
- (3) Bini ta' Regolament ta' awtorizzazzjoni aħjar, filwaqt li jiġu ppreservati l-karatteristiċi ewlenin tar-Regolament eżistenti.

L-ewwel għażla ma nżammitx minħabba li deher ċar li s-soppressjoni ta' strument awtonomu għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija tista' tibgħat sinjal politiku negattiv u jwassal għat-tneħħija ta' prinċipji ta' hidna speċifiċi u prezzjużi bħan-nuqqas ta' kunsens tal-pajjiż ospitanti jew l-immirar tal-atturi tas-soċjetà ċivili. Dan imbagħad inaqqas l-effiċjenza tal-eżekuzzjoni u joħloq telf qawwi tal-viżibbiltà u tar-reputazzjoni tal-UE.

It-tieni għażla wkoll ġiet imwarrba minħabba li ma tippermettix li wieħed jieħu l-opportunità li jiffaċċja sfidi ġodda adegwatament, li jikkoreġi xi tagħlimiet meħuda u li jwieġeb għal domandi ġodda.

It-tielet għażla ġiet magħżula minħabba li tippermetti l-preservazzjoni tal-benefiċċji politiċi u operattivi tal-istrumenti, filwaqt li tippermetti adattament aħjar tar-regolament. Taħt din l-għażla, l-abbozz il-ġdid għandu jinbena bħala regolament tal-awtorizzazzjoni aħjar. L-istrument rivedut stabbilit joffri għodda orjentata lejn il-proċess li tiffoka fuq erba' oqsma differenti:

- kampanji tematiċi, li jgħaqqdu flimkien il-promozzjoni u l-operazzjonijiet fil-post (per eżempju l-appoġġ għad-demokrazija) u l-indirizzar ta' ksur serju tad-drittijiet (per eżempju t-tortura, il-piena tal-mewt, id-diskriminazzjoni, eċċ..), kif ukoll il-provvediment ta' appoġġ ċentrali lil parteċipanti ewlenin u edukazzjoni ċivika relatata;
- appoġġ immirat għall-iżvilupp ta' soċjetajiet ċivili prosperi li tippermettilu li jsaħħaħhom fit-tfittxija u d-difiża tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u fir-rwol speċifiku tagħhom bħala atturi għal bidla pożittiva;
- kapaċità msaħħha għall-UE biex tkun kapaċi tirreaġixxi malajr għal urġenzi tad-drittijiet tal-bniedem u t-twaqqif ta' mekkaniżmu tal-UE komprensiv għad-Difiża tad-Drittijiet tal-Bniedem;
- strateġija msaħħha u integrata aħjar għaċ-ċikli demokratiċi, permezz ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet u tipi oħra ta' appoġġ għall-proċessi demokratiċi u elettorali;

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-istrument propost huwa bbażat fuq l-Artikolu 209 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprovdi bażi legali għal koperazzjoni għall-iżvilupp fil-qafas tal-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Artikoli 2 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jaċċennaw aktar l-importanza li l-Unjoni Ewropea tappoġġa d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem bħala parti mill-azzjoni esterna tagħha.

Billi l-għanijiet tar-Regolament propost ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala jew u l-kopertura tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fuq livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. L-UE hija f'pożizzjoni unika biex twassal parti mill-għajnuna esterna għan-nom ta' l-Istati Membri u flimkien magħhom, u b'hekk tikseb aktar kredibbiltà fil-pajjiżi fejn hija topera. Ħafna Stati Membri m'għandhomx il-kapaċità u/jew ir-rieda li jiżviluppaw strumenti esterni globali. Għalhekk, l-intervent fil-livell tal-UE huwa l-unika possibbiltà biex jiġu promossi globalment il-valuri tal-UE u tiġi żgurata l-preżenza tal-UE madwar id-dinja.

Ir-Regolament propost isaħħaħ ukoll il-kapaċità ta' koordinazzjoni u jiffaċilita l-programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri, jiżgura diviżjoni tax-xogħol effiċjenti u twassil tal-għajnuna effettiva. L-assistenza tal-Unjoni għandha tiffoka fejn ikollha l-aktar impatt, promozzjoni madwar id-dinja tad-demokrazija, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, il-kapaċità prevedibbli u fit-tul tagħha fl-għajnuna għall-iżvilupp u r-rwol tagħha fil-koordinazzjoni mal-Istati Membri tagħha. Skont il-prinċipju ta'

proporzjonalità, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat, ir-Regolament propost ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jikseb l-għanijiet tiegħu.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-istrument propost huwa parti mill-miżuri biex jiġu implimentati taħt it-Titolu IV "Ewropa Globali" tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-Unjoni Ewropea. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu 2014-2020 għandu jkun ta' EUR 1 578 000 000 (prezzijiet kurrenti). Dan jikkorrispondi mal-pakkett annwali medju approssimattiv ta' EUR 225 000 000.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209 u 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara t-trażmissjoni tal-abozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁷,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni⁸,

Billi aġixxew skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi wieħed mill-istrumenti li jipprovdu appoġġ dirett għall-politiki esterni tal-Unjoni Ewropea. Huwa se jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja⁹.
- (2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja li jippermetti għall-assistenza indipendentement mill-kunsens tal-gvernijiet ta' pajjiżi terzi u awtoritajiet pubbliċi oħra.
- (3) L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jaġhmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri fsoċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.
- (4) L-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iggwidata mill-istess prinċipji li spiraw il-ħolqien tagħha stess: id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-

⁷ ĠU C , , p. .

⁸ ĠU C , , p. .

⁹ ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1–11

libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali.

- (5) Dan l-istrument ta' finanzjament jikkontribwixxi biex jinkisbu l-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, inklużi dawk tal-Politika Ewropea ta' Żvilupp.
- (6) Il-kontribut tal-Unjoni għad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali huwa msejjes fuq il-prinċipji ġenerali stabbiliti mill-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u kwalunkwe strument ieħor tad-drittijiet tal-bniedem li ġie adottat fi ħdan il-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll strumenti tad-drittijiet tal-bniedem reġjonali rilevanti.
- (7) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tal-mara huma drittijiet fundamentali tal-bniedem u kwistjoni ta' ġustizzja soċjali u l-promozzjoni tagħhom hija komponent qawwi ta' dan ir-Regolament.
- (8) Id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma inseparabbli, kif imsemmi fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2009, dwar l-appoġġ għad-demokrazija fir-relazzjonijiet esterni tal-UE. Il-libertajiet fundamentali tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni huma l-prerekwiżiti għall-pluraliżmu politiku u l-proċess demokratiku, filwaqt li l-kontroll demokratiku u s-separazzjoni tal-poteri huma essenzjali sabiex tinżamm ġudikatura indipendenti u l-istat tad-dritt li min-naħa tagħhom huma meħtieġa għall-ħarsien effettiv tad-drittijiet tal-bniedem.
- (9) Il-kompitu li tinbena u tkun sostnuta kultura ta' drittijiet tal-bniedem u li d-demokrazija ssir taħdem għaċ-ċittadini, għalkemm ferm urġenti u diffiċli f'demokraziji li qed jitfaċċaw issa, essenzjalment hija sfida kontinwa, li l-ewwel u qabel kollox tappartjeni lill-poplu tal-pajjiż ikkonċernat imma mingħajr ma jitnaqqsu l-obbligi tal-komunità internazzjonali. Jeħtieġ ukoll firxa ta' istituzzjonijiet, partikolarment parlamenti nazzjonali demokratiċi li għandhom jiżguraw il-parteciġazzjoni, ir-rappreżentazzjoni, il-kapaċità ta' rispons u r-responsabbiltà.
- (10) Sabiex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b'mod effettiv, trasparenti, f'waqtu u b'mod flessibbli wara l-iskadenza tar-Regolament (KE) Nru 1889/2006, hemm hteġa kontinwa għal riżorsi finanzjarji speċifiċi u strument ta' finanzjament speċifiku li jista' jkompli jaħdem b'mod indipendenti.
- (11) L-għajnuna tal-Unjoni skont dan ir-Regolament hija mfassla biex tikkomplementa d-diversi għodod l-oħra għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, li jvarjaw minn djalogu politiku u inizjattivi diplomatiċi għal diversi strumenti ta' kooperazzjoni finanzjarja u teknika, li jinkludu kemm programmi ġeografiki kif ukoll dawk tematiċi. Se tikkomplementa wkoll l-azzjonijiet aktar relatati mal-kriżi taħt l-Istrument għall-Istabbiltà.
- (12) Taħt dan ir-Regolament, l-Unjoni se tipprovdi għajnuna biex tindirizza d-drittijiet tal-bniedem globali, reġjonali, nazzjonali u lokali u kwistjonijiet ta' demokratizzazzjoni fi sħubija mas-soċjetà ċivili li wieħed jifhem li jinkludu t-tipi kollha ta' azzjoni soċjali minn individwi jew gruppi li huma indipendenti mill-istat u attivi fl-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tal-appoġġ tad-demokrazija.
- (13) Barra minn hekk, filwaqt li l-istandards tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu dejjem iktar integrati fl-istrumenti ta' finanzjament għall-għajnuna esterna kollha, l-għajnuna tal-Unjoni skont dan ir-Regolament se jkollha rwol ieħor komplementari

speċifiku minħabba n-natura globali tagħha u l-indipendenza tal-azzjoni tagħha mill-kunsens tal-awtoritajiet statali u oħrajn pubbliċi tal-pajjiżi terzi. Dan jippermetti l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet sensittivi ta' drittijiet tal-bniedem u demokrazija, billi jipprovdi l-flessibilità biex ikun hemm reazzjoni għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu. Dan għandu jipprovdi wkoll kapaċità tal-Unjoni li tartikula u tappoġġja għanijiet u miżuri speċifiċi fuq il-livell internazzjonali li la huma marbuta b'mod ġeografiku u lanqas relatati ma' xi kriżi u li jistgħu jeħtieġu metodu transnazzjonali jew jinvolvu operazzjonijiet kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll f'firxa ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, se jipprovdi l-qafas meħtieġ għal operazzjonijiet, bħal appoġġ għal missjonijiet ta' osservazzjoni indipendenti tal-elezzjonijiet mill-UE, li jeħtieġu koerenza politika, sistema ta' ġestjoni unifikata u standards operattivi komuni.

- (14) L-Unjoni se tagħti attenzjoni partikolari lil pajjiżi u sitwazzjonijiet ta' urġenza fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma l-aktar f'riskju u fejn id-diżrispett għal dawn id-drittijiet u libertajiet huwa partikularment qawwi u sistematiku. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-prijoritajiet politiċi se jkunu li jiġi promoss ir-rispett għal-liġijiet internazzjonali rilevanti, u li jiġi pprovdut appoġġ tanġibbli u mezzi ta' azzjoni għas-soċjetà ċivili lokali u biex isir kontirbut għall-ħidma tagħha, imwettqa f'ċirkostanzi diffiċli ħafna. F'sitwazzjonijiet ta' konflitt, l-Unjoni ser tippromwovi l-konformità tal-partijiet kollha fil-kunflitt mal-obbligi legali tagħhom taħt il-liġi umanitarja internazzjonali, skont il-linji gwida rilevanti tal-Unjoni.
- (15) F'dawk il-pajjiżi jew sitwazzjonijiet l-aktar diffiċli u sabiex jiġu indirizzati b'żonnijiet urġenti ta' protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-Unjoni għandha tkun kapaċi tirrispondi b'mod flessibbli u f'waqtu permezz ta' għotjiet ad hoc. Dan se jkun partikularment il-każ meta l-għażla ta' modalitajiet proċedurali jista' jkollha impatt dirett fuq l-effikaċja tal-miżuri jew tista' tirriżulta li l-benefiċjarji jkunu esposti għal intimidazzjoni, ritaljazzjoni jew tipi oħra ta' riskji serji.
- (16) Il-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Unjoni Ewropea jikkontribwixxu b'mod sinifikanti u b'suċċess għall-proċessi demokratiċi f'pajjiżi terzi. Madankollu, l-promozzjoni tad-demokrazija testendi ferm lil hinn mill-proċess elettorali waħdu. In-nefqa għal missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali għalhekk m'għandhiex tiegħu ammont sproporzjonat tal-fondi totali disponibbli skond dan ir-Regolament.
- (17) Dawn is-setgħat ta' implimentazzjoni għall-ipprogrammar u l-finanzjament tal-azzjonijiet appoġġjati taħt dan ir-Regolament għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. Meta wieħed jieħu kont tan-natura ta' dawk l-atti implimentattivi, partikularment in-natura tal-orjentazzjoni politika tagħhom jew l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom, il-proċedura ta' eżaminazzjoni għandha fil-prinċipju tintuża għall-adozzjoni tagħhom, ħlief għal miżuri implimentattivi tekniċi ta' skala finanzjarja żgħira.
- (18) Regoli Komuni u proċeduri għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-azzjoni esterna huma stabbiliti fir-regolament (UE Nru .../..., tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ...¹⁰ minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Ir-Regolament Implimentattiv Komuni".

¹⁰ ĠU ...

- (19) L-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna huma deskritti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u għanijiet

Dan ir-Regolament jistabbilixxi Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem skont liema l-Unjoni għandha tipprovdi assistenza għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha.

B'mod partikolari, għajnuna ta' din ix-xorta għandu jkollha l-għan li

- (a) jissaħħu r-rispett għal u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, kif ipproklamati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fi strumenti internazzjonali u reġjonali oħrajn, u t-tisħiħ tal-protezzjoni, il-promozzjoni u l-monitoraġġ tagħhom, l-aktar permezz ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u vittmi tar-ripressjoni u l-abbuż;
- (b) l-appoġġ u l-konsolidazzjoni tar-riformi demokratiċi fpajjizi terzi, billi tissaħħaħ id-demokrazija rappreżentattiva u parteċipatorja, jiissahħaħ iċ-ċiklu demokratiku ġenerali, u titjieb l-affidabbiltà tal-proċess elettorali, b'mod partikolari permezz ta' missjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet.

Artikolu 2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Assistenza tal-Unjoni għandha tirrelata mal-oqsma li ġejjin:

- (a) appoġġ għal u tisħiħ tad-demokrazija parteċipatorja u rappreżentattiva, inkluża d-demokrazija parlamentari, u tal-proċessi tad-demokratizzazzjoni, prinċipalment permezz tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inter alia permezz ta':
 - (i) il-promozzjoni tal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' assemblea, taċ-ċaqliq mhux imxekkel tal-persuni, tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, inklużi l-espressjoni artistika u kulturali, ta' stampa ħielsa u ta' midja pluralistika indipendenti, kemm dik tradizzjonali kif ukoll dik ibbażata fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni, liberta fuq l-internet u miżuri biex jiġu miġġielda l-ostakli amministrattivi għall-eżerċitar ta' dawn il-libertajiet, inkluża l-ġlieda kontra ċ-ċensura;
 - (ii) fit-tisħiħ tal-istat tad-dritt, il-promozzjoni tal-indipendenza tal-ġudikatura, it-tneġġiġ u l-evalwazzjoni tar-riformi legali u istituzzjonali u l-promozzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja;
 - (iii) il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, tat-tribunali kriminali internazzjonali ad hoc u tal-proċessi tal-ġustizzja tranżitorja u tal-mekkaniżmi ta' verità u ta' rikonċiljazzjoni;

- iv) l-appoġġ ta' riformi biex jinkisbu l-obbligi ta' rendikont u ta' sorveljanza demokratiċi effettivi u trasparenti, inkluża s-sorveljanza tas-settur tas-sigurtà u tal-ġustizzja, u fl-inkoraġġiment tal-miżuri kontra l-korruzzjoni;
- (v) il-promozzjoni ta' pluraliżmu politiku u ta' rappreżentanza politika demokratika u t-tħeġġiġ tal-parteċipazzjoni politika miċ-ċittadini, b'mod partikulari mill-gruppi marġinalizzati, fil-proċessi ta' riforma demokratika fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali;
- (vi) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ugwali tal-irġiel u n-nisa fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika, u l-appoġġ tal-ugwaljanza ta' opportunità u l-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza politika tan-nisa;
- (vii) l-appoġġ ta' miżuri li jiffaċilitaw il-konċiljazzjoni paċifika tal-interessi ta' gruppi, inkluż l-appoġġ għall-miżuri li jibnu l-kunfidenza f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-bniedem u mad-demokratizzazzjoni.
- (b) il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kif ipproklamati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fi strumenti internazzjonali oħrajn li jikkonċernaw id-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, prinċipalment permezz tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li inter alia huma relatati ma':
- (i) l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, il-prevenzjoni tat-tortura, tat-trattament ħażin u ta' forom oħra ta' trattament krudili, diżuman u degradanti u r-rijabilitazzjoni tal-vittmi tat-tortura;
- (ii) l-appoġġ, il-ħarsien u l-għajnuna għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, skond it-termini tal-Artikolu 1 tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt u r-Responsabilità ta' Individwi, Gruppi u Organi tas-Soċjetà li jippromwovu u jħarsu d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali li huma Universalment Rikonoxxuti;
- (iii) il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija, u d-diskriminazzjoni minħabba kwalunkwe raġuni, inklużi s-sess, ir-razza, il-kulur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;
- (iv) il-promozzjoni tal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon jew twemmin, inkluż permezz ta' miżuri biex jeliminaw il-forom kollha ta' mibegħda, intolleranza u diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin u billi titrawwem it-tolleranza u r-rispett tad-diversità kulturali u reliġjuża;
- (v) id-drittijiet tal-popli indiġeni u d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u gruppi etniċi;
- (vi) id-drittijiet tan-nisa kif proklamati fil-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u l-Protokolli mhux obligatorji tagħha, inklużi l-miżuri biex jiġu miġġielda l-mutilazzjoni tal-ġenitali femminili, iż-żwiġijiet sfurzati, id-delitti tal-unur u kwalunkwe forma oħra ta' vjolenza kontra n-nisa;

- (vii) id-drittijiet tat-tfal, kif proklamati fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokollu mhux obligatorji tagħha, inklużi l-ġlieda kontra t-tħaddim, it-traffikar u l-prostituzzjoni tat-tfal, u r-reklutaġġ u l-użu ta' suldati tfal;
 - (viii) id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità;
 - (ix) id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali u l-promozzjoni tal-istandards fundamentali tax-xogħol u tar-responsabilità soċjali korporattiva;
 - (x) l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-monitoraġġ fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija, u fil-qasam kopert mill-punt (vii);
 - (xi) l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali tas-soċjetà ċivili involuti fil-ħarsien, fil-promozzjoni jew fid-difiża tad-drittijiet u fil-miżuri msemmija fil-punt (vii);
- (c) it-tisħiħ tal-qafas internazzjonali għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ġustizzja, tal-istat tad-dritt u d-demokrazija, u l-promozzjoni tal-liġi umanitarja internazzjonali, b'mod partikolari billi:
- (i) ikun provdut appoġġ għal strumenti internazzjonali u reġjonali li jikkonċernaw id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja, l-istat tad-dritt u d-demokrazija;
 - (ii) titrawwem koperazzjoni mis-soċjetà ċivili ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali intergovernattivi, u jiġu appoġġati l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili mmirati lejn il-promozzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali u reġjonali li jikkonċernaw id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja, l-istat tad-dritt u d-demokrazija;
 - (iii) taħriġ fil-liġi umanitarja internazzjonali u fit-tixrid tagħha u appoġġ għall-infurzar tagħha;
- (d) bini tal-fiduċja fi u tisħiħ tal-affidabilità u t-trasparenza tal-proċessi elettorali demokratiċi, filwaqt li jsir kontribut għall-effiċjenza u l-konsistenza taċ-ċiklu elettorali kollu, partikolarment,
- (i) permezz tal-użu tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Unjoni;
 - ii) permezz ta' miżuri oħra għall-monitoraġġ tal-proċessi elettorali;
 - (iii) billi jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' osservazzjoni elettorali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livelli reġjonali u lokali, u billi jiġu appoġġati l-inizjattivi tagħhom biex jissaħħu l-parteciġazzjoni fil-proċess elettorali u s-segwitu għalih;
 - (iv) billi jiġu appoġġati miżuri mmirati lejn l-integrazzjoni konsistenti ta' proċessi elettorali fiċ-ċiklu demokratiku u għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula minn Missjonijiet ta' Osservaturi Elettorali tal-Unjoni;
2. Il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, tad-drittijiet tat-tfal, tad-drittijiet tal-popli indiġeni, tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità, u tal-prinċipji tal-ġhoti tas-setgħa, tal-parteciġazzjoni, tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni ta' gruppi vulnerabbli u ta' responsabilità għandhom jitqiesu meta jkun rilevanti mill-miżuri kollha ta' għajnuma msemmija f'dan ir-Regolament.

3. Il-miżuri ta' għajnuna għandhom jiġu implimentati fit-territorju tal-pajjiżi terzi jew għandhom ikunu relatati b'mod dirett mas-sitwazzjonijiet li jinqalgħu fil-pajjiżi terzi, jew ikunu relatati b'mod dirett ma' azzjonijiet globali jew reġjonali.
4. Il-miżuri ta' assistenza għandhom iqisu l-karatteristiċi speċifiċi ta' kriżi jew sitwazzjonijiet ta' urġenza u pajjiżi jew sitwazzjonijiet fejn hemm nuqqas serju ta' libertajiet fundamentali, fejn is-sigurtà tal-bniedem hija l-aktar fil-periklu jew fejn l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tad-difensuri joperaw taħt l-aktar kondizzjonijiet diffiċli.

Artikolu 3

Qafas ġenerali għall-programmazzjoni u l-implimentazzjoni

Assistenza tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandha tkun implimentata permezz tal-miżuri li ġejjin u skont ir-Regolament Implimentattiv Komuni:

- (a) id-Dokumenti ta' Strateġija u r-reviżjonijiet tagħhom kif ikun xieraq;
- (b) Il-Programmi ta' Azzjoni Annwali, miżuri individwali u miżuri ta' appoġġ;
- (c) Miżuri Speċjali.

Artikolu 4

Dokumenti ta' strateġija

1. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jistabbilixxu l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna tagħha skont dan ir-Regolament, bażata fuq il-prijoritajiet tal-Unjoni, is-sitwazzjoni internazzjonali u l-attivitajiet tal-imsieħba prinċipali. Huma għandhom ikunu konsistenti mal-iskop ġenerali, l-oġettivi, il-kamp ta' applikazzjoni u l-prinċipji ta' dan ir-Regolament.
2. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jistabbilixxu l-oqsma ta' prijorità magħżula mill-Unjoni għall-finanzjament matul il-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament, l-għanijiet speċifiċi, ir-risultati mistennija u l-indikaturi tal-prestazzjoni. Għandhom jagħtu wkoll l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva, kemm ġenerali kif ukoll għal kull qasam ta' prijorità; din tista' tingħata, fejn ikun xieraq, f'forma ta' skala.
3. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jiġu approvati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 (3) tar-Regolament Implimentattiv Komuni. Meta bidliet sinifikanti fiċ-ċirkustanzi u l-politika jeħtieġu hekk, id-dokumenti ta' strateġija għandhom ikunu aġġornati skont l-istess proċedura.

Artikolu 5

Kumitat

Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn Kumitat għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "il-Kumitat". Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 6

Ammont ta' referenza finanzjarja

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu 2014-2020 għandu jkun ta' EUR 1 578 000 000 (prezzijiet kurrenti). L-appropriazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-Qafas Finanzjarju 2014 – 2020.

Artikolu 7

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għanda tkunu skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427 UE, li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. It-titlu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. L-għan(ijiet)
- 1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Perjodu u impatt finanzjarju
- 1.7. Il-metodu(i) tal-ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja/i tal-baġit ta' nefqa affettwata/i
- 3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.2. L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operattivi
 - 3.2.3. L-impatt stmat fuq appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
 - 3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali
 - 3.2.5. Il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament
- 3.3. Estimated impact on revenue

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. It-titlu tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi strument finanzjarju għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja

1.2. Il-qasam (oqsma) tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB¹¹

Titolu 19: Ir-relazzjonijiet esterni

Attività 19 04: Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)

It-titolu ta' dan il-kapitolu tal-baġit jikkorrispondi mal-istruttura attwali tal-istrumenti finanzjarji 2007-2013. Hu propost li tinżamm l-istess attività u titolu 19 04.

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**¹²

Il-proposta/inizjattiva hija relatata **mal-estenzjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni indiretta lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għanijiet

1.4.1. *L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Dawn l-istrumenti ta' finanzjament jimmiraw li jappoġġjaw l-għanijiet strateġiċi li ġejjin kif dikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit għal Ewropa 2020 – Parti II" tad-29 ta' Ġunju 2011 (COM/2011/500 - Baġit għall-Ewropa 2020 – Parti II. Il-Fiche tal-Linja Politika "Azzjoni Esterna", p. 43):

Dan ir-Regolament se jkollu żewġ għanijiet

1. Żieda fir-rispett għal u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, kif ipproklamati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fi strumenti internazzjonali u reġjonali oħrajn, kif ukoll it-tiżni tal-protezzjoni, il-promozzjoni u l-monitoraġġ tagħhom, l-aktar permezz ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u vittmi tar-ripressjoni u l-abbuż;

¹¹ ABM: Activity-Based Management [Immaniġġjar Abbażi ta' Attività] – ABB: Activity-Based Budgeting [Ibbaġittjar Abbażi ta' Attività].

¹² Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Appoġġ u konsolidazzjoni tar-riformi demokratiċi f'pajjiżi terzi, billi jssaħħaħ id-demokrazija rappreżentattiva u parteċipatorja, isaħħaħ iċ-ċiklu demokratiku ġenerali, u jtejjeb l-affidabbiltà tal-proċess elettorali, b'mod partikolari permezz ta' missjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet.

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u attività/attivitàjiet konċernata/i ABM/ABB*

Iż-żewġ għanijiet imsemmijin fl-għanijiet hawn fuq se jiġu implimentati, fil-prattika, permezz ta' diversi għanijiet speċifiċi.

Objettiv Speċifiku Nru 1.

Li jwassal **kampanji tematiċi**, li jingħaqdu flimkien il-promozzjoni u l-operazzjonijiet fil-post (eżempju ġustizzja internazzjonali) u l-indirizzar ta' ksur serju tad-drittijiet (eż. t-tortura, il-piena tal-mewt, id-diskriminazzjoni, eċċ..), kif ukoll provvedimenti għal appoġġ ċentrali lil parteċipanti ewlenin u edukazzjoni ċivika relatata.

Objettiv Speċifiku Nru 2.

Appoġġ immirat għall-iżvilupp ta' **soċjetajiet ċivili prosperi** li jippermettilu li jsaħħaħom fit-tfittxija u d-difiża tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u fir-rwol speċifiku tagħhom bħala atturi għal bidla pożittiva;

Objettiv Speċifiku Nru 3.

Li jwassal kapaċità msaħħa għall-UE biex tkun kapaċi taġixxi fl-aktar ambjenti diffiċli, tirreaġixxi malajr **f'urġenzi fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u** b'appoġġ ta' Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem li jeħtieġ protezzjoni.

Objettiv Speċifiku Nru 4.

Li jwassal strateġija msaħħa u integrata aħjar **għaċ-ċikli demokratiċi**, permezz ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet u tipi oħra ta' appoġġ għall-proċessi demokratiċi u elettorali.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistenni/mistennija*

Jispeċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi mmirati.

Għall-appoġġ ta' riżultati tanġibbli fil-promozzjoni u l-appoġġ tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja.

Tnedija f'waqtha tal-proġett, inkluż mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida għal każijiet urġenti ta' ksur u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Segwitu f'waqtu, addendum, ħlas u għeluq.

1.4.4. *Indikaturi ta' riżultati u impatt*

Jispeċifika l-indikaturi għall-implimentazzjoni tal-monitoraġġ tal-proposta/inizjattiva.

L-implimentazzjoni taż-żewġ għanijiet imsemmija hawn fuq, u l-erba' għanijiet speċifiċi se jiġu mkejla permezz inter alia, tal-indikaturi li ġejjin ta' riżultati u impatti:

Numru ta' kampanji varati, inkluż numru ta' avukaturi, u b' mod partikolari kemm jinkisbu bidliet pożittivi fil-liġijiet ta' pajjiżi terzi u r-regolamenti dwar il-klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem;

Numru ta' ratifiki ta' konvenzjoni internazzjonali, u partikolarment kemm konvenzjonijiet jistgħu jidħlu fis-seħħ f'kemm-il pajjiż bħala riżultat tal-appoġġ tagħna.

Għadd ta' operazzjonijiet fil-lokal speċifiċi, u b'mod partikolari kemm CSo imdgħajfa u/jew gruppi maqtuġhin ġew appoġġjati li kieku kienu jitħallew waħidhom.

Numru ta' ċittadini, professjonisti u studenti mħarrġa u esposti għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll il-kuxjenza u l-edukazzjoni fid-Demokrazija,

Numru ta' atturi ewlenin appoġġjati, b'mod partikolari azzjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, rapporti, każistika u/jew dikjarazzjoni marbuta direttament mal-appoġġ tagħna,

Numru ta' proġetti tas-soċjetà ċivili mwettqa, fil-livell dinji kif ukoll lokali, u l-impatt tagħhom f'termini ta' promozzjoni, protezzjoni u monitoraġġ tad-Drittijiet tal-Bniedem,

Numru ta' każijiet Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem, partikolarment in-numru ta' individwi li qed jiġu protetti politikament, legalment u/jew fiżikament u maħruġa mill-pożizzjoni tagħhom ta' abbużi;

Numru ta' proġetti fl-aktar pajjiżi u sitwazzjonijiet diffiċli, u b'mod partikolari in-numru ta' attivitajiet u atturi milħuqa f'dawn il-kuntesti l-aktar diffiċli;

Numru ta' proċessi elettorali u ċikli demokratiċi appoġġjati, osservati, u segwiti, partikolarment in-numru ta' rakkomandazzjonijiet EOMs tal-UE implimentati fil-qasam.

1.5. **Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżiti li għandhom jitħarsu għal żmien qasir u fit-tul*

Taqsimha 1 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni jiddeskrivi l-kundizzjonijiet tal-politika li l-istrument jimmira li jilħaq fi ħdan il-kuntest ta' gwida politika li qed tevolve. Meta wieħed

jikkunsidra n-natura speċifika tal-promozzjoni u l-appoġġ tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja kif ukoll ir-reazzjoni għal vjolazzjonijiet urġenti tad-drittijiet tal-bniedem ta' protezzjoni ta' Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, ir-reqwiziti se jkunu kemm fit-tul kif ukoll fit-terminu qasir.

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Fuq l-isfond tas-suċċessi tagħha stess għas-soluzzjoni tal-kunflitti, il-bini tal-paċi u l-ħolqien tal-prosperità, l-UE tidher li hija f'pożizzjoni eċċellenti biex twettaq, għan-nom tal-azzjoni esterna, f'isem l-Istati Membri tagħha u flimkien magħhom, li ġeneralment tgawdi minn kredibbiltà għolja fil-pajjiżi fejn taħdem. Hija tinsab f'pożizzjoni tajba biex tiegħu r-rwol ta' mexxejja globali għan-nom taċ-ċittadini tagħha, b'mod partikolari fl-appoġġ u l-promozzjoni tad-demokrazija. Madankollu, il-valur miżjud Ewropew ma jistax jiġi ridott għal karta tal-bilanċ: il-kontubut għall-bini tal-paċi madwar id-dinja, l-għajjnuna lill-ifqar nies tad-dinja u l-appoġġ għad-demokratizzazzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem huma turija indispensabbli ta' kif l-UE kuljum iżżid il-valur permezz tal-ħidma tagħha. Dan huwa preċiżament fejn se jkunu ffukati l-prijoritajiet ta' strumenti finanzjarji li jmiss dwar l-azzjoni esterna tal-UE.

B'27 Stat Membru li jaġixxu fi ħdan il-qafas ta' strateġiji u politiki komuni, l-UE għandha piż kritiku biex twieġeb għall-isfidi globali, bħat-trawwim tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd.

Minħabba l-iskala kbira tagħha l-UE tista' twassal l-għajjnuna fiż-żoni l-aktar remoti tad-dinja, fejn il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom ftit interess strateġiku, preżenza limitata u kapaċità mnaqqsa biex jaġixxu. Bis-saħħa tal-azzjoni tal-UE, pereżempju, il-Fiġi, Vanwatu u Timor Leste fejn reċentement ġie provdut finanzjament ġdid għal demokrazija stabbli u żvilupp sostenibbli, l-għajjnuna tilħaq lin-nies li jehtigħu l-aktar, iżda li kieku jibqgħu mingħajrha.

Fi żmien ta' restrizzjonijiet baġitarji, meta bosta SM huma mgieġhla jorġu minn setturi u pajjiżi sħaħ, l-UE tibqa' kapaċi taqdi rwol attiv fil-promozzjoni tal-paċi, id-demokrazija, is-solidarjetà, l-istabilità, il-prosperità u t-tnaqqis tal-faqar fil-viċinat immedjat u madwar id-dinja. F'dan il-kuntest, jagħmel sens iktar minn qatt qabel minn perspettiva purament ekonomika li jiġi investiti l-flus fil-livell tal-UE fejn tista' ssir differenza vera. Fil-fatt, meta jaġixxu permezz tal-UE l-Istati Membri jistgħu fil-fatt jiffrankaw il-flus. Ċerti riformi għall-effettività tal-għajjnuna, speċjalment f'termini tad-diviżjoni tax-xogħol, jistgħu jammontaw għal tfaddil potenzjali ta' bejn EUR 3 u 6 biljun fis-sena, skont studju reċenti indipendenti (*Il-benefiċċji ta' Strateġija Ewropea, minn HTSPE*).

Il-ħidma flimkien mal-UE hija wkoll orħos. Spejjeż amministrattivi – stmati għal 5.4% fuq il-bażi tad-dejta tal-2009 – huma inqas mill-medja tal-ispejjeż amministrattivi tad-donaturi prinċipali tal-għajjnuna bilaterali. Ir-regoli amministrattivi li japplikaw huma maħsuba biex jiżguraw li l-flus tal-kontribwenti tat-taxxa tal-UE jintefqu tajjeb, bl-użu ta' kriterji stretti li jistgħu jiġu sorveljati.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea hija waħda mill-aktar korpi tal-għajjnuna trasparenti fid-dinja. Tali trasparenza hija fiha nfisha għodda importanti biex tiżgura valur effettiv għall-flus. Dan ġie rikonoxxut mill-organizzazzjoni "Ippublika dak li Tiffinanzja" li kklassifikat il-Kummissjoni Ewropea fir-4 pożizzjoni (minn 30) fl-evalwazzjoni tat-trasparenza tal-għajjnuna tad-donaturi fi Frar ta' din is-sena. Qed inkomplu nagħmlu aktar titjib.

Fil-Green Paper reċenti l-konsultazzjoni mwettqa biex wieħed isir jaf l-opinjoni tal-partijiet interessati dwar il-politika ta' żvilupp tagħna, dawk kollha li wiegħbu qablu dwar ir-rwol pożittiv li l-UE kellha fl-appoġġ ta' governanza tajba (inkluż il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili), is-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat

Ir-Reviżjonijiet u evalwazzjonijiet enfasizzaw diversi punti sodi

L-EIDHR joffri indipendenza tal-azzjoni, li tippermetti ħidma **mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens tal-gvern**, li hija karatteristika kritika speċjalment f'oqsma sensitivi tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, l-istrument jappoġġja l-edukazzjoni demokratika fil-livell tal-gradwati mexxejja futuri zghażaġh mill-Bjelorussja jew jipprova jtaffi l-kriminalizzazzjoni inġusta ta' attivisti demokratiċi li jintbagħtu l-ħabs minħabba li jiffurmaw parti mill-oppożizzjoni. Id-difensuri tal-vittmi, bħall-avukati, min-naħa tagħhom iridu jiġu difiżi (permezz tas-sistema Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem) minħabba li wkoll jirriskjaw priġunerija talli jaċċettaw każijiet ta' attivisti favur id-demokrazija jew difensuri tad-drittijiet.

L-EIDHR wkoll **joffri aktar flessibilità u l-kapaċità li jkun hemm rispons** għal ċirkostanzi li qed jinbidlu, li jikkontrasta mal-approċċ ta' programmar fit-tul tal-programmi ġeografiki. Assistenza immedjata kienet tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-kumitat tar-riforma fit-Tuneżija biex ifassal il-pjan ta' tranżizzjoni u jgħin biex is-soċjetà ċivili tikkontribwixxi fil-proċess. L-EIDHR se jipprovdi taħriġ għad-demokrazija għal attivisti tal-partiti politiċi, appoġġ għal ġurnaliżmu ħieles u media pluralistika indipendenti, kemm dik tradizzjonali kif ukoll dik bażata fuq l-ICT inkluż teknoloġiji tal-komunikazzjoni elettronika bla xkiel u mingħajr ċensura, sorveljanza tat-tranżizzjoni demokratika, u appoġġ għall-edukazzjoni ċivika fuq id-demokrazija. L-EIDHR jista' wkoll ikun disponibbli għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-midja u t-taħriġ tal-ġurnalisti. Fid-dawl tal-elezzjonijiet li se jsiru dalwaqt fit-Tuneżija, huwa qed jipprovdi taħriġ għal eluf ta' osservaturi lokali għall-Missjoni ta' Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet tal-UE.

L-EIDHR jaħdem ukoll **fl-aktar ambjenti diffiċli** fejn id-drittijiet u l-libertajiet bażiċi huma l-aktar fir-riskju. Sabiex jiproteġu is-sigurtà fiżika ta' attivisti u oħrajn li l-ħajja tagħhom tista' tkun f'periklu serju, **id-dettalji ta' dawn il-proġetti ma jistgħux isiru pubbliċi**. Il-Kummissjoni Ewropea tirrapporta dwar dawn il-proġetti lil persuni awtorizzati fil-Kunsill, il-Parlament u s-SEAE fuq il-bażi ta' "ħtieġa ta' taħrid" u wieħed ma jistax ma jfaħħarx il-kuraġġ ta' attivisti ddedikati bħal dawn.

Dawn il-**każijiet diffiċli** jirrappreżentaw madwar 20% tal-attivitajiet tal-EIDHR. Mill-2007, l-EIDHR appoġġa aktar minn 100 proġett bħal dawn (b'valur ta' EUR 60 miljun). Partikolarment, appoġġjat min-netwerk tiegħu ta' Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (HRD), l-EIDHR appoġġa 19-il proġett HRD (b'valur ta' EUR 13,5 miljuni) f'iktar minn 45 pajjiż.

F'dawk il-kuntesti, l-EIDHR **jaġixxi bħala tassew nifs ġdid** fejn il-parti l-kbira tal-proġetti jiffokaw biex jgħinu s-sopravivenza tas-soċjetà ċivili u l-midja l-aktar dgħajfa jew imfarrka, u b'hekk jiftaħ il-bieb għad-djalogu u l-bidla. Huwa joffri l-opportunità għal edukazzjoni demokratika ta' studenti u gruppi vulnerabbli, spiss ibbażati barra l-pajjiż. Huwa jgħin il-promozzjoni tas-soċjetà ċivili u dijaspori barra l-pajjiż. Xi kultant sempliċement jipprova jiproteġi u, jekk meħtieġ, biex il-vittmi ta' ripressjoni antidemokratika jinħarġu mill-pajjiż għal post sigur.

Wara “r-Rivoluzzjoni tal-Ġiżimin”, issa jista’ jiġi żvelat li EIDHR ipprova appoġġ fit-Tuneżija fl-2010, qabel it-tranżizzjoni, għal attivitajiet tal-Lega Tuneżina tad-Drittijiet tal-Bniedem (LTDH), l-Assoċjazzjoni tan-Nisa Demokratiċi (AFTD), it-Trejdjunjins (UGTT), Assoċjazzjonijiet tal-Imħallfin u l-Avukati u assoċjazzjonijiet oħrajn. Nuqqas ta’ pubbliċità għal dan l-appoġġ, dak iż-żmien seta’ ġie interpretat bħala abbandun jew nuqqas ta’ reazzjoni, iżda fil-fatt l-EIDHR kienet attiv fil-post.

Reviżjonijiet u evalwazzjonijiet enfasizzaw ukoll tliet blokki ta’ mistoqsijiet

L-ewwel, għanijiet u strateġiji definiti b’mod ġenerali kkawżaw **xi frammentazzjoni tal-approċċi u nuqqas ta’ legġibiltà** tal-Istrument, ħolqu riskji ta’ duplikazzjoni, diffikultajiet fil-kejl tal-impatt tal-attivitajiet u kien ddgħajfet il-kumplimentarjetà.

It-tieni, filwaqt li fl-aktar sitwazzjonijiet diffiċli id-deskrizzjoni uffiċjali tal-proġett spiss kienet moħbija f’attivitajiet ta’ żvilupp tradizzjonali biex jipproteġu l-proġett minn ambjent ostili, l-addizzjonalità tar-riżorsi tal-EIDHR lil hinn mill-kunsens tal-pajjiż ukoll huma friskju li jintużaw għal **aktivitajiet mhux prijoritarji** f’termini tal-ambitu tal-istrument. Dan wassal għat-twaqqif ta’ appoġġi kwalitattivi.

It-tielet, il-ħtieġa biex **tiżdied il-flessibiltà** tal-istrument hija rikorrenti. Huwa partikolarment minnu għall-parti limitata tal-istrument li jindirizza l-aktar sitwazzjonijiet diffiċli f’termini ta’ vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-urġenza tal-każijiet, li għalihom sistema ta’ sejħiet miftuħa tkun tidher inadegwata.

1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma’ strumenti oħra rilevanti

Bħala konsegwenza ta’ dan il-mandat espliċitu tat-Trattat, il-promozzjoni u l-appoġġ għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu integrati u jsiru parti ewlenija mill-politiki kollha tal-UE.

L-EIDHR huwa parti mill-arkitettura ta’ strumenti finanzjarji ta’ azzjoni esterna differenti proposti b’mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli għall-PESK. Huwa jikkomplementa strumenti għal perjodu ta’ żmien twil billi jiffoka fuq attivitajiet tas-CSO fil-qasam tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, fejn jindirizza l-aktar sitwazzjonijiet diffiċli, jiffinanzjar l-Missjonijiet tal-Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet tal-UE u jappoġġja kampanji lokali, reġjonali u mad-dinja kollha dwar kwistjonijiet ewlenin relatati mad-drittijiet tal-bniedem. Huwa parti essenzjali mill-ġhodda ta’ azzjoni esterma wiesgħa għall-promozzjoni u s-salvagwardja tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa jikkomplementa wkoll l-ġhodda għall-ġestjoni tal-kriżijiet u l-prevenzjoni flimkien ma’ għajnuna umanitarja, operazzjonijiet tal-PESK u l-Istrument għall-Istabbiltà billi jipprovdi appoġġ rapidu f’każijiet urġenti ta’ ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa jaġixxi wkoll bħala kuntatt għal attivitajiet ta’ solljev, riabilitazzjoni u żvilupp billi joffri l-possibbiltà għall-provvediment ta’ rijabilitazzjoni fiżika u mentali lill-vittmi tal-abbużi jew jgħin lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fi bżonnijiet urġenti ta’ protezzjoni.

Huwa essenzjali li tiġi żgurata fil-post, b’mod prammatiku, l-koordinazzjoni ma’ u d-diviżjoni ġusta tax-xogħol bejn l-EIDHR u strumenti interattivi oħra, partikolarment fil-fażijiet ta’ evalwazzjonijiet tal-bżonnijiet tal-każijiet. Tabilħaqq, l-EIDHR jikkomplimenta l-operazzjonijiet tal-ECHO, peress li r-refuġjati u l-benefiċjarji tal-għajnuna umanitarja huma spiss vittmi ta’ ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jridu jiġu dokumentati, irreġistrati u ttrattati. Sinerġiji b’saħħithom u tisħiħ reċiproku jeżistu mal-Istrument għall-Istabbiltà (eż. fil-każ ta’ emerġenzi), il-programm ta’ Attur Mhux Statali (eż. appoġġ għal CSOs), l-

Investiment fil-Programm Nies (eż. gruppi abbażi ta' sess u mingħajr id-dritt tal-vot) u fil-
ġejjieni l-Faċilità tas-Soċjeta' Ċivili tal-Viċinat ġdida.

1.6. Perjodu u impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

- Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn 01/01/2014
- Impatt finanzjarju minn 01/01/2014 sa 31/12/2020

Proposta/inizjattiva ta' **perjodu illimitat**

- Implimentazzjoni b'perjodu għall-bidu minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Il-mod(i) tal-ġestjoni pprospettat(i)¹³

Ġestjoni ċentralizzata direttament mill-Kummissjoni

Ġestjoni ċentralizzata indirettaament bid-delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

- aġenziji eżekuttivi
- entitajiet stabbiliti mill-Komunitajiet¹⁴
- korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku
- persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni deċentralizzata ma' pajjiżi terzi

Tmexxija konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (*għandha tiġi speċifikata*)

Jekk ikun indikat aktar minn mod wieħed ta' mmaniġġjar, jekk jogħġbok aġti dettalji fis-sezzjoni "Kummenti".

Kummenti

In-natura speċifika tal-istrument biex jindirizza każijiet kumplessi u sensitivi ta' Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija, partikolarment fl-aktar pajjiżi u sitwazzjonijiet diffiċli kif ukoll bżonnijiet urġenti ta' protezzjoni, tesiġi li jibbenefika minn medda massima ta' modi ta' ġestjoni.

¹³ Dettalji ta' modi ta' maniġment u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

¹⁴ Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

2. MIŻURI TA' MMANIĠĠJAR

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kondizzjonijiet.

Is-sistemi ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea huma dejjem aktar iffokati fuq ir-riżultati. Huma jinvolvu persunal intern kif ukoll għarfien espert estern.

Il-Maniġers tal-Kompitu fid-Delegazzjonijiet u l-Kwartieri Ġenerali tal-UE jissorveljaw kontinwament l-implimentazzjoni tal-proġetti u l-programmi b'modi differenti, inkluż kull meta jkun possibbli permezz ta' żjarat fuq il-post. Il-monitoraġġ jipprovdi informazzjoni prezzjuża dwar il-progress; huwa jgħin lill-amministraturi biex jidentifikaw ostakli attwali u potenzjali, u biex jieħdu azzjoni korrettiva.

Esperti esterni, indipendenti huma kkuntrattati biex jevalwaw il-prestazzjoni tal-azzjonijiet esterni tal-UE permezz ta' tliet sistemi differenti. Dawn l-evalwazzjonijiet jikkontribwixxu għar-responsabbiltà u għat-titjib tal-interventi li jkunu għaddejjin; huma wkoll jindikaw lezzjonijiet mill-esperjenza tal-imgħoddi biex jinformatu politiki u azzjonijiet futuri. L-għodod kollha jużaw il-kriterji ta' evalwazzjoni rikonoxxuti internazzjonalment tal-OECD-DAC li jinkludu l-impatt (potenzjali).

L-ewwel, fil-livell tal-proġett, is-sistema ta' Monitoraġġ Orjentat lejn ir-Riżultat (ROM) mmexxija mill-Kwartieri ġenerali tipprovdi stampa qasira u ffukata tal-kwalità ta' kampjun tal-interventi. Bl-użu ta' metodoloġija standardizzata u ferm strutturata, esperti indipendenti ROM jattribwixxu marki li jissottolineaw il-punti pożittivi u d-dgħufijiet tal-proġett u jagħtu rakkomandazzjonijiet dwar kif tittejjeb l-effettività.

Evalwazzjonijiet fil-livell tal-proġett, li huma ġestiti mid-Delegazzjoni tal-UE inkarigati mill-proġett, iwassalu aktar dettaljati, analiżi fil-fond u jgħinu l-manigiers tal-proġett biex itejbu l-interventi li għaddejjin u jħejju dawk tal-futur. Esperti esterni, indipendenti b'kompetenza ġeografika u tematika huma impjegati biex iwettqu l-analiżi u jiġbru informazzjoni u evidenza mill-partijiet interessati kollha, mhux l-inqas il-benefiċjarji finali.

Il-Kummissjoni tmexxi wkoll evalwazzjonijiet strateġiċi tal-politiki tagħha, minn programmar u strateġija għall-implimentazzjoni ta' interventi f'settur speċifiku (bħas-saħħa, l-edukazzjoni eċċ), f'pajjiż jew reġjun, jew strument speċifiku. Dawn l-evalwazzjonijiet huma kontribut importanti għall-formulazzjoni tal-politiki u t-tfassil tal-istrumenti u l-proġetti. Dawn l-evalwazzjonijiet huma kollha ppubblikati fis-sit tal-Kummissjoni u sommarju tas-sejbiet huwa inkluż fir-Rapport Annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

2.2. Sistema ta' mmaniġġjar u kontroll

2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)

L-ambjent operattiv tal-operazzjonijiet li se jsiru taħt dan l-istrument huwa kkaratterizzat mir-riskji li ġejjin biex jinkisbu l-għanijiet ta' dan l-Istrument:

- Ambjenti diffiċli mmirati fejn l-istrument jopera partikolarment fl-aktar pajjiżi/sitwazzjonijiet diffiċli, jistgħu joħolqu restrizzjonijiet fiżiċi u politiċi fit-twassil tal-proġetti

- Proġetti żgħar u mifruxa madwar id-dinja jistgħu joħlqu sfidi għar-riżorsi fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ,
- Il-varjetà kbira ta' benefiċjarji bi strutturi ta' ġestjoni u kontroll varji u spiss kapaxità fqira jistgħu jwasslu għal diffikultà u dewmien fl-implimentazzjoni,
- Il-kwalità u kwantità limitata, u ħafna drabi n-natura kontroversjali, tad-dejta dwar l-evoluzzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi varji jistgħu jfixxlu l-kapaxità tal-Kummissjoni biex tirraporta u li tkun responsabbli għar-riżultati,
- Nuqqas ta' krediti amministrattivi jistgħu jwasslu għal riżorsi insuffiċjenti għall-immaniġġjar tajjeb tal-istrument.

2.2.2. *Metodu/i ta' kontroll prospettat(i)*

Il-kontroll intern tal-Kummissjoni huwa mfassal sabiex jipprovi assigurazzjoni raġonevoli rigward il-kisba tal-għanijiet fl-effikaċja u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tiegħu, l-affidabilità tar-rappurtar finanzjarju u l-konformità tiegħu mal-qafas leġislativ, finanzjarju u proċedurali rilevanti.

Il-Kummissjoni tapplika Politika Strateġika wiesgħa u Proċess tal-Pjanifikazzjoni, verifika interna u esterna u Standards ta' Kontrolli Interni oħra tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tuża s-sistema attwali tagħha ta' kontabilità (ABAC) kif ukoll għodda speċifika ta' għajnuna esterna bħas-sistema ta' Informazzjoni Komuni Relex (CRIS). Hija se ssegwi l-ogħla standards ta' kontabilità u ta' rappurtar finanzjarju biex tiżgura tkompli ta' opinjoni mingħajr riżervi mill-awdituri esterni tagħha (Qorti tal-Awdituri).

Barra minn hekk, sabiex tinkiseb l-akbar effettività u effiċjenza, il-Kummissjoni tuża' strateġija mfassla apposta li tinkludi:

- - ġestjoni devoluta ta' parti sostanzjali tal-għajnuna tagħha lid-delegazzjoni tal-UE fil-lokal
- - linji ċari ta' responsabbiltà finanzjarja permezz ta' sotto-delegazzjonijiet ta' Awtoritajiet Awtorizzanti fil-Kwartieri Ġenerali u fid-delegazzjonijiet,
- - rappurtar regolari, inkluż id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni annwali mill-Kap tad-Delegazzjoni,
- - programm ta' taħriġ sostanzjali kemm fil-Kwartieri Ġenerali kif ukoll fid-Delegazzjonijiet
- - appoġġ u gwida sinifikanti,
- - verifiki regolari,
- - metodoloġija ta' Ġestjoni taċ-Ċiklu ta' Proġett, u appoġġ tal-kwalità għal kull wieħed mill-komponenti tiegħu
- - Ġestjoni tal-programm u tal-proġett, għodod ta' monitoraġġ u ta' rappurtar għall-implimentazzjoni effettiva inkluż monitoraġġ estern regolari tal-proġett, fil-lokal.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet**

Minħabba l-ambjent ta' riskju għoli li fih joperaw EuropeAid/FPI, is-sistemi tagħhom jeħtieġ li jantiċipaw okkorrenza sinifikanti ta' żbalji ta' konformità potenzjali (irregolaritajiet) fi tranżazzjonijiet u jibnu livell għoli ta' kontrolli ta' prevenzjoni, sejbien u korrezzjoni kmieni kemm

jista' jkun fil-proċess tal-pagament. Dan ifisser fil-prattika li l-kontrolli tal-konformità ta' EuropeAid/FPI se jkunu jiddependu l-aktar fuq verifiki sinifikanti ex-ante fuq bażi multi-annwali kemm mill-awdituri esterni kif ukoll mill-persunal tal-Kummissjoni fil-lokal qabel il-ħlasjiet tal-proġett finali (filwaqt li xorta jeżegwixxu xi verifiki u kontrolli ex-post), li jmorru 'l hinn ħafna mis-salvagwardji finanzjarji meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju. Il-qafas ta' konformità EuropeAid/FPI huwa magħmul *inter alia* minn dawn il-komponenti sinifikanti li ġejjin:

Miżuri preventivi

- Taħriġ obligatorju ewlieni għall-persunal tal-ġestjoni u l-verifika tal-għajjnuna;
- Provvediment ta' gwida (inkluż permezz tal-internet) inkluż il-Gwida Prattika għall-Kuntratti, il-Kumpann EuropeAid u l-Għodda ta' Ġestjoni Finanzjarja (għall-imsieħba tal-implimentazzjoni);
- Valutazzjoni ex-ante biex jiġi żgurat li miżuri xierqa kontra l-frodi għall-prevenzjoni u s-sejba tal-frodi fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE huma fis-seħħ fl-awtoritajiet li jimmaniġġjaw il-fondi rilevanti taħt ġestjoni konġunta u deċentralizzata);
- Skrinjar ex-ante tal-mekkaniżmi ta' kontra l-frodi disponibbli fil-pajjiż tal-imsieħeb bħala parti mill-valutazzjoni tal-kriterju tal-eliġibbiltà tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi sabiex pajjiż jirċievi appoġġ għall-baġit (jiġifieri impenn attiv fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni, awtoritajiet ta' spezzjoni adegwati, kapaċità ġudizzjarja suffiċjenti u rispons effiċjenti u mekkaniżmi ta' sanzjoni);
- Il-Kummissjoni ffirmat l-Inizjattiva ta' Trasparenza fl-Għajjnuna Internazzjonali (IATI) f'Accra fl-2008, fejn qabiet dwar standard għat-trasparenza fl-għajjnuna li jiżgura aktar dejta fil-ħin, dettaljata u regolari dwar il-flussi tal-għajjnuna u d-dokumenti.
- Il-Kummissjoni mill-14 ta' Ottubru 2011 bdiet timplimenta l-ewwel fażi tal-istandard IATI għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-għajjnuna **trasparenti** qabel il-Forum ta' Livell Għoli li jmiss dwar l-effettività tal-għajjnuna f'Busan f'Novembru 2011. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE fuq applikazzjoni tal-IT bażata fuq l-internet konġunta msejħa TR-AID li tittrasforma d-dejta tal-għajjnuna tal-UE permezz tal-IATI u sorsi oħra f'informazzjoni dwar l-għajjnuna faċli għal min jużaha.

Miżuri korrettivi u ta' detezzjoni

- Il-verifiki esterni u l-verifiki (kemm mandatorji kif ukoll dawk bażati fuq ir-riskju) inkluż il-Qorti Ewropea tal-Awdituri;
- Verifiki retrospettivi (fuq il-bażi ta' riskju) u l-irkupri;
- Is-sospensjoni tal-finanzjament tal-UE fejn hemm każ serju ta' frodi, inkluż korruzzjoni fuq skala kbira, sakemm l-awtoritajiet jieħdu azzjoni xierqa bil-ħsieb li jiġu kkorreġuti u pprevenuti okkorrenzi simili fil-ġejjieni

EuropeAid/FPI se jkomplu jfasslu l-istrateġija tagħhom kontra l-frodi skont strateġija ġdida kontra l-frodi tal-Kummissjoni (CAFS) adottata fl-24 ta' Ġunju 2011 sabiex jiżguraw *inter alia* li:

- Il-kontrolli interni relatati ma' kontra l-frodi ta' EuropeAid/FPI huma totalment allinjati ma' CAFS;

- L-istrateġija ta' ġestjoni tar-riskju tal-EuropeAid/FPI hija mmirata biex tidentifika oqsma ta' riskju għall-frodi u reazzjonijiet adegwati;
- Is-sistemi użati biex jintefqu l-fondi tal-UE f'pajjiżi terzi jippermettu dejta rilevanti sabiex tiġi rkuprata bil-ħsieb li din id-dejta tintuża għall-ġestjoni tar-riskju tal-frodi (eż. il-finanzjament doppju);
- Fejn meħtieġ, gruppi ta' netwerking u għodod xierqa tal-IT dedikati għall-analiżi tal-każijiet tal-frodi marbuta mas-settur tal-għajjnuna esterna jistgħu jiġu stabbiliti 2.4. Stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli

Għall-portafoll EuropeAid bħala entità sħiħa, l-ispejjeż tal-kontroll intern/ta' ġestjoni jammontaw għal total annwali stmat ta' **EUR 658 miljun** f'impenji fl-ippjanar tal-baġit 2014-2020. Din iċ-ċifra tinkludi l-ġestjoni tal-EDF li jopera b'mod integrat fi ħdan l-istruttura ta' ġestjoni tal-EuropeAid. Dawn l-ispejjeż "mhux operattivi" jirrappreżentaw madwar **6,4%** tal-istima medja annwali ta' **EUR 10,2 biljuni** pjanati għall-impenji ġenerali (operazzjonali + amministrattivi) mill-EuropeAid fuq il-portafoll ta' nfiq finanzjat mill-Baġit Ġenerali tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-perijodu 2014-2020.

Dawn l-ispejjeż tal-ġestjoni jieħdu kont tal-persunal kollu tal-EuropeAid fil-Kwartieri Ġenerali u fid-Delegazzjonijiet, l-infrastruttura, vjaġġar, taħriġ, sorveljanza, evalwazzjoni u verifika tal-kuntratti (inklużi dawk immedija mill-benefiċjarji).

EuropeAid qed jippjana biex inaqqas il-proporzjon tal-attivitajiet ta' ġestjoni/operattivi maż-żmien taħt arranġamenti mtejba u ssimplifikati ta' strumenti ġodda, billi jibni fuq bidliet li aktarx jidħlu fis-seħħ taħt ir-Regolament Finanzjarju rivedut. Il-benefiċċji ewlenin ta' dawn l-ispejjeż ta' ġestjoni huma miksuba permezz tal-kisba tal-għanijiet tal-politika, użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi, u l-eżerċizzju ta' miżuri preventivi kost-effettivi u robusti u verifiki oħra biex jiżguraw l-użu legali u regolari tal-fondi.

Filwaqt li titjib fin-natura u l-immirar tal-attivitajiet ta' ġestjoni u kontrolli tal-konformità fir-rigward tal-portafoll se jkomplu jiġu segwiti, dawn l-ispejjeż huma globalment meħtieġa biex effettivament u effiċjentement jintlaħqu l-għanijiet tal-istrumenti b'riskju minimu ta' non-konformità (taħt il-livell ta' żball residwali ta' 2%). Huma b'mod sinifikanti inqas mir-riskji involuti fit-tneħħija jew it-tnaqqis tal-kontrolli interni f'dan il-qasam ta' riskju għoli.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja/i tal-baġit ta' nefqa affettwata/i

- Linji tal-baġit tan-nefqa eżistenti

Fl-ordni ta' intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u ta' linji tal-baġit.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Intestatura tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|--|-----------------------|----------------------------------|-------------------------------------|--------------------------------------|--------------|---|
| | Numru: | Diff./mhux diff. ⁽¹⁵⁾ | minn pajjiżi tal-EFTA ¹⁶ | minn pajjiżi kandidati ¹⁷ | minn pajjiżi | fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) |
| | | | | | | |

¹⁵ Diff:- Appropriazzjonijiet differenzjati/Non-Diff:- Appropriazzjonijiet mhux differenzjati

¹⁶ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

| | | | | | | |
|----|---|------------------|----|----|-------|----------------------------|
| | | | | | terzi | tar-Regolament Finanzjarju |
| IV | <p>19 04: L-istrument Ewropew għad-demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem</p> <p>19 04 01 Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)</p> <p>19 04 03 Osservazzjoni tal-elezzjonijiet</p> <p>19 04 05 Tlestija ta' kooperazzjoni preċedenti</p> <p>19 04 06 Proġett pilota - Forum tas-Soċjetà Ċivili bejn l-UE u r-Russja</p> <p>19 04 07 Proġett Pilota - Finanzjament għal vittmi tat-tortura</p> | Mhux applikabbli | LE | LE | LE | LE |

- Linji tal-baġit ġodda mitluba

Fl-ordni ta' intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u ta' linji tal-baġit.

| Intestatura tal-qafas finanzjarj u multiannwali | Intestatura tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|--|-----------------------------------|-----------------------|------------------------|--------------------|--|
| | Numru 19 04 | Differenzja ta/mhux differenzjata | Minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| IV | <p>19 04: L-istrument Ewropew għad-demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem</p> <p>19 04 01 Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR mingħajr EOM tal-UE)</p> <p>19 04 02 Missjonijiet tal-UE għall-Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet (EOMs tal-UE)</p> <p>19 04 03 Tlestija ta' kooperazzjoni preċedenti</p> | Mhux applikabbli | LE | LE | LE | LE |

¹⁷

Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

| | | |
|--|---|------------------|
| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali: | 4 | “Ewropa Globali” |
|--|---|------------------|

| DĠ: DEVCO/FPI | | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | L-AMMONT TOTALI |
|---|-----------|-------------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|-----------------|
| • Approprjazzjonijiet operattivi | | | | | | | | | | |
| 19 04 | Impenji | (1) | 198,63 | 202,84 | 207,04 | 211,34 | 213,93 | 220,24 | 224,84 | 1.478,87 |
| | Pagamenti | (2) | 178,43 | 182,24 | 186,04 | 189,94 | 192,03 | 197,94 | 202,14 | 1.328,77 |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi ¹⁸ | | | | | | | | | | |
| Numru tal-intestatura tal-baġit 19.0104 03 | | (3) | 13,57 | 13,66 | 13,76 | 13,86 | 15,77 | 14,06 | 14,16 | 98,83 |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet għal DĠ DEVCO/FPI | Impenji | =1+1a +3 | 212,20 | 216,50 | 220,80 | 225,20 | 229,70 | 234,30 | 239,00 | 1.577,70 |
| | Pagamenti | =2 +3 | 192,00 | 195,90 | 199,80 | 203,80 | 207,80 | 212,00 | 216,30 | 1.427,60 |

¹⁸ Għajjuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn tal-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (qabel kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|-----------|-------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|----------|
| • TOTAL approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | 198,63 | 202,84 | 207,04 | 211,34 | 213,93 | 220,24 | 224,84 | 1.478,87 |
| | Pagamenti | (5) | 178,43 | 182,24 | 186,04 | 189,94 | 192,03 | 197,94 | 202,14 | 1.328,77 |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi | | (6) | 13,57 | 13,66 | 13,76 | 13,86 | 15,77 | 14,06 | 14,16 | 98,83 |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA <4> tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | =4+ 6 | 212,20 | 216,50 | 220,80 | 225,20 | 229,70 | 234,30 | 239,00 | 1.577,70 |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 192,00 | 195,90 | 199,80 | 203,80 | 207,80 | 212,00 | 216,30 | 1.427,60 |

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

| | | |
|--|----------|-------------------------|
| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali: | 5 | "Infiq amministrattiv " |
|--|----------|-------------------------|

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

| | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | L-AMMONT TOTALI |
|--------------------------------|---------------------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|------------------------|
| DĠ: DEVCO/FPI | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 7,168 | 7,096 | 7,024 | 6,953 | 6,953 | 6,953 | 6,953 | 49,100 |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0,595 | 0,547 | 0,541 | 0,540 | 0,541 | 0,541 | 0,541 | 3,846 |
| TOTAL għal DĠ DEVCO/FPI | Approprjazzjonijiet | 7,763 | 7,643 | 7,565 | 7,493 | 7,494 | 7,494 | 7,494 | 52,945 |

| | | | | | | | | | |
|--|------------------------------------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|--------|
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Total impenji = Pagamenti totali) | 7,763 | 7,643 | 7,565 | 7,493 | 7,494 | 7,494 | 7,494 | 52,945 |
|--|------------------------------------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|--------|

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

| | | Sena N 2014 | Sena N+1 2015 | Sena N+2 2016 | Sena N+3 2017 | Sena N+4 2018 | Sena N+5 2019 | Sena N+6 2020 | L-AMMONT TOTALI |
|---|-----------|-------------|---------------|---------------|---------------|---------------|---------------|---------------|------------------------|
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt INTESTATURA 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | 219,963 | 224,143 | 228,365 | 232,693 | 237,194 | 241,794 | 246,494 | 1.630,645 |
| | Pagamenti | 199,763 | 203,543 | 207,365 | 211,293 | 215,294 | 219,494 | 223,794 | 1.480,545 |

3.2.2. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operattivi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma jenhtigilhiex l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva jenħtiġilha l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

L-appropriazzjonijiet għall-impenji f' miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)

| Indika l-objettivi u ririzultati ↓ | | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | L-AMMONT TOTALI | | | | | | | | | |
|--|----------------------------------|---------------------------|-----------------------|---------|-----------------------|---------|-----------------------|---------|-----------------------|-----------------|-----------------------|---------|-----------------------|---------|-----------------------|---------|-----------------------|-------------|---------|
| | RIŻULTATI | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip ta' ririzultat ¹⁹ | Spiża medj a tar-riżultat | Għadd ta' ririzultati | Spiża | Għadd ta' ririzultati | Spiża | Għadd ta' ririzultati | Spiża | Għadd ta' ririzultati | Spiża | Għadd ta' ririzultati | Spiża | Għadd ta' ririzultati | Spiża | Għadd ta' ririzultati | Spiża | Għadd ta' ririzultati | Total Spiża | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ²⁰ Kampanji tematiċi (jiġifieri t-tortura, il-piena tal-mewt eċċ..) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Għall-objettiv speċifiku Nru 1 | | 78-88 | 43-53 | 78-88 | 43-53 | 78-88 | 43-53 | 78-88 | 43-53 | 78-88 | 43-53 | 78-88 | 43-53 | 78-88 | 43-53 | 78-88 | 43-53 | 546-616 | 20-25 % |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2: L-iżvilupp ta' soċjetajiet ċivili prosperi | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Għall-objettiv speċifiku Nru 2 | | 340-390 | 76 | 340-390 | 76 | 340-390 | 76 | 340-390 | 76 | 340-390 | 76 | 340-390 | 76 | 340-390 | 76 | 340-390 | 76 | 2380-2730 | 35-40 % |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 3: Urġenzi tad-Drittijiet tal-Bniedem u | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

¹⁹ Riżultati huma prodotti u servizzi li għandhom ikunu pprovduti (eż: numru ta' skambji ffinanzjati ta' studenti, numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).
²⁰ Kif deskritt fis-Sezzjoni 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|--|---------|-----------|---------|-----------|---------|-----------|---------|-----------|---------|-----------|---------|-----------|---------|-----------|-----------|----------|
| I-aktar sitwazzjonijiet diffiċli | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 3 | 52-76 | 22,2-33,2 | 52-76 | 22,2-33,2 | 52-76 | 22,2-33,2 | 52-76 | 22,2-33,2 | 52-76 | 22,2-33,2 | 52-76 | 22,2-33,2 | 52-76 | 22,2-33,2 | 294-371 | 20-25 % |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 4: Appoġġ għaċ-ċikli demokratiċi | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 4 | 47-86 | 46,4-76,6 | 47-86 | 46,4-76,6 | 47-86 | 46,4-76,6 | 47-86 | 46,4-76,6 | 47-86 | 46,4-76,6 | 47-86 | 46,4-76,6 | 47-86 | 46,4-76,6 | 329-602 | 25-30 % |
| Li minnhom Missjoni għall-Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet (EOMs) | 11-14 | 44-55 | 11-14 | 44-55 | 11-14 | 44-55 | 11-14 | 44-55 | 11-14 | 44-55 | 11-14 | 44-55 | 11-14 | 44-55 | 77-98 | 20-25 % |
| SPIŻA TOTALI | 506-640 | 198,63 | 506-640 | 202,84 | 506-640 | 207,04 | 506-640 | 211,34 | 506-640 | 213,93 | 506-640 | 220,24 | 506-640 | 224,84 | 3542-4480 | 1.478,87 |

3.2.3. L-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma jenhtigilhiex l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi
- Il-proposta/l-inizjattiva jenħtiġilha l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

| | Sena N ²¹ 2014 | Sena N+1 2015 | Sena N+2 2016 | Sena N+3 2107 | Sena N+4 2018 | Sena N+5 2019 | Sena N+6 2020 | L- AMMO NT TOTA LI |
|---|------------------------------|---------------------|---------------------|------------------|------------------|------------------|---------------------|--------------------------------|
| INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 7,17 | 7,10 | 7,02 | 6,95 | 6,95 | 6,95 | 6,95 | 49,10 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,595 | 0,547 | 0,541 | 0,540 | 0,541 | 0,541 | 0,541 | 3,846 |
| Subtotal tal- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali | 7,763 | 7,643 | 7,565 | 7,493 | 7,494 | 7,494 | 7,494 | 52,945 |
| 'Il barra minn INTESTATURA 5²² tal-qafas finanzjarju multiannwali | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 8,81 | 8,81 | 8,81 | 8,81 | 8,81 | 8,81 | 8,81 | 61,67 |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 4,76 | 4,85 | 4,95 | 5,05 | 6,96 | 5,25 | 5,35 | 37,16 |
| Total parzjali barra l- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali | 13,57 | 13,66 | 13,76 | 13,86 | 15,77 | 14,06 | 14,16 | 98,83 |
| L-AMMONT TOTALI | 21,333 | 21,306 | 21,324 | 21,349 | 23,264 | 21,551 | 21,654 | 151,780 |

²¹ Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

²² Għajjuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn tal-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (qabel kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti proġettati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma jenhtigilhiex l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/l-inizjattiva jenħtiġilha l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tkun espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa punt deċimali wieħed)

| | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | |
|---|--|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|------|
| • Karigi tal-pjan ta' stabiliment (uffiċjali u aġenti temporanji) | | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (fis-sede u fl-Uffiċċji tar-Rappreżent tal-Kummissjoni) | 35,1 | 34,8 | 34,4 | 34,1 | 34,1 | 34,1 | 34,1 | |
| XX 01 01 02 (fid-delegazzjonijiet) | 9,8 | 9,7 | 9,6 | 9,5 | 9,5 | 9,5 | 9,5 | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| • Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE) FTE)²³ | | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali") | 5,2 | 5,2 | 5,1 | 5,1 | 5,1 | 5,1 | 5,1 | |
| XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| XX 01 04 yy ²⁴ | - fil-Kwartieri Ġenerali ²⁵ | 34,7 | 34,1 | 33,4 | 32,7 | 32,1 | 31,5 | 30,9 |
| | - f' delegazzjonijiet | 73,4 | 73,4 | 73,4 | 73,4 | 73,4 | 73,4 | 73,4 |
| XX 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji oħra tal-baġit (ispeċifika) | | | | | | | | |
| L-AMMONT TOTALI | 158,3 | 157,1 | 155,9 | 154,8 | 154,1 | 153,5 | 152,9 | |

Għall-2014, riżorsi umani taħt l-Intestatura 5 huma maqsuma kif ġej bejn DEVCO u FPI:

- Pjan ta' stabbiliment: 5,5 FTE għal FPI u 39,4 FTE għal DEVCO (Total = 44,9 FTE)

- Persunal estern: 3.2 FTE għal FPI u 2 FTE għal DEVCO (Total : 5,2 FTE)

Fir-rigward ta' riżorsi umani taħt l-intestatura 4 (linja BA tal-programm EIDHR), l-istaff li se jkun iffinanzjat minn linja BA fl-2014 jammonta għal 102,1 CA għal DEVCO (28,7 fil-Kwartieri Ġenerali u 73,4 CA fid-Delegazzjonijiet) u 6 CA għal FPI fil-Kwartieri Ġenerali

XX hija l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit konċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-persunal mid-DĠ li huwa diġà assenjat għall-immaniġġar tal-azzjoni u/jew li ntbagħat jaħdem mad-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma'

²³ AK= Aġent ta' Kuntratt; INT= persunal ta' aġenzija ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażaġħ f'Delegazzjonijiet); AL= Aġent Locali; ENS= Espert Nazzjonali Sekondar;

²⁴ Anqas mil-limitu stabbilit għall-persunal estern minn approprazzjonijiet operattivi (ex-linji "BA").

²⁵ Essenzjament għal Fondi Sturutturali, il-Fond Ewropew Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF).

allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li qed jimmaniġġja skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni ta' inkarigi li għandhom jitwettqu:

| | |
|-------------------------------|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Deċizzjonijiet u implimentazzjonijiet Finanzjarji u Operattivi. |
| Persunal estern | L-implimentazzjoni teknika |

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

- Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha tinvolvi programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

Spjega xi programmar mill-ġdid ikun meħtieġ, billi tispjega l-intestaturi tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti.

- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali²⁶.

Spjega x'ikun meħtieġ, billi tispjega l-intestaturi u l-linji tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' terzi*

- Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi
- Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn isfel:

3.3. **Impatt stmat fuq id-dħul**

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq riżorsi proprji
 - fuq dħul mixxellanju

²⁶ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.